Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL
L-GĦAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 5 – It-Tnejn 21 t'Ottubru 2024 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar Tnejn 21 t'Ottubru 2024 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**5.1 Talba**
5.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
5.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**5.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**
5.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li wara li għal diversi snin Il-Kunsill Lokali Għajnsielem ġie mwiegħed bdil fil-Pjan Lokali sabiex l-istrutturi temporanji li hemm f'Ta' Passi jkunu jistgħu jingħataw il-permessi meħtieġa, spjega kif ftit tal-ġranet ilu bgħatt ittra lil Prim Ministru sabiex mill-ġdid din it-talba tiġi kkunsidrata. Fil-15 t'Ottubru, ġejna infurmati li se jibda uffiċjalment il-bidu tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika għar-reviżjoni parzjali tal-Pjanijiet Lokali tal-2006 sabiex l-art magħrufa bħala 'Ta' Passi' fejn isir il-villaġġ animat ta' Bethlehem f'Għajnsielem tinbidel f'żona rikreattiva. Dan jippermetti sabiex dan is-sit jinbidel f'park ta' rikrejazzjoni matul is-sena kollha u

nkunu nistghu napplikaw ghall-permessi u ghal fondi. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din id-decizzjoni.

5.4.2 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' li ser issir nhar il-Ħadd 27 t'Ottubru bħala tifkira tat-traġedja tal-għarqa fil-fliegu billi tinżamm quddiesa fuq il-vapur u wara tfigħ tal-fjur. Il-Kunsill kollu huwa mistieden.

5.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal farsa li se ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna mtellgha mil-Parroċċa. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' billi jħallas parti mill-ispejjes involuti sa mhux aktar minn €250.

5.4.4 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li l-Kunsill i rċieva għal għajnuna mill-'Scale models Exhibition' għal wirja ta' mudelli fċ-Ċentru ta' Sant Antnin mit-30 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel li din hija wirja b'differenza u li għandna nikkollaboraw f'parti mill-ispejjes billi nipprintjawlhom xi posters li jkun jinkludi l-logo tagħna.

5.4.5 Is-Sindku qal ukoll li qed niġu infurmati mill-ġenituri ta' l-istudenti li jaqbdu x-xarabank miż-żona tal-Gudja fejn mhix qed twaqafhom quddiem il-playingfield iżda fi Triq Sant Antnin. Jidher li hemm issue għaliex ix-xarabank ma ddurx għal Triq Gudja billi jipparkjaw fil-kantuniera. Għalhekk huwa propona li ninfuraw lil- Transport Malta sabiex tiġi risolvuta din il-problema għaliex mhux aċċettabli li l-studenti jieqfu f'main road u mhux fil-post li suppost u fejn saret anke shelter apposta għalijom. Ghalhekk sar qbil li ssir talba ma' Transport Malta biex isiru double yellow lines fil-kantuniera biex tkun tista ddur.

5.4.6 Is-Sindku għamel referenza għat-talba tal-'Voice for Inclusion – Gozo' fejn qed jissuġerixxu li fil-foss ta' Forti Chambray ikun hemm spazju rikrejattiv għal tfal bl-awtiżmu. Għalhekk ser issir laqgħa mal-Perit Antoine Zammit f-isem l-iżviluppputari nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru sabiex tiġi diskussa din il-proposta. Ser issir laqgħa biex jaraw x' qed jipproponu għall użu tad-ditch li ser ikun ta' uzu għall-pubbliku.

5.4.7 Is-Sindku rrefera għas-suċċess li kisbet il-Ġita Sqallija nhar l-Erbgha 9 t' Ottubru b'attendenza ta' aktar minn 70 ruħ. Sar qbil li dan it-tip ta' ġiti jiġu organizzati .

5.4.8 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi' Triq Sant Antnin sabiex jsir metru biswit il-garaxx għaliex qed isib diffikulta kbira biex joħroġ. Naturalment ser jintilef parkeġġ. Sar qbil pero li ghandna Nibghatu lil TM ghall approvazzjoni taghhom. Il-kunsillier Stephen Mercieca semma wkoll li residenta ohra f'din it-triq talbet ukoll ghal double yellow line.

5.4.9 Is-Sindku ressaq il- proposta sabiex inkomplu proġett możajk madwar Għajnsielem, billi nsebbħu d- daħla tal-grawnd billi-infasslu sketch naghmlu xi mosaic bit-tema tal-football. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

5.4.10 Is-Sindku propona li nqabbdu Perit jagħmlilna disinn taraġ li minn Triq Gudja jaghti għal Triq Hamri (wara l-Grand Hotel fil-kisra). Sar qbil li ghandna nqabbdu lil Perit

Johann. Sar qbil ukoll li ghandna nnaddfu din l-area ghax taghti dehra ta' zdingar u naghmlu xi embellishment. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

5.4.11 Is-Sindku staqsa jekk l-electric car parking li kien hemm quddiem l-iskola l-qadima hux jintuza peress li qed jokkupa parking. Il-kunsilliera huma konxji li kien hemm xi dizgwid bejn il-girien fuq dan il-parkegg. Sar qbil li ghandna naraw hux ta' uzu ghax qed jokkupa parkegg sħiħ.

5.4.12 Ġiet trattata t-talba sabiex jitneħħa id-dog bin li hemm fi Triq il- Ġnien kantuniera ma' Triq Provigarju.

**5.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

5.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa meta ser issir il-pavimentar tas-sqaq li jinsab fi Sqaq numru 1 fi Triq Hamri. Is-Sindku wieġbu li hemm applikazzjoni u qed nistennew l-eżitu tagħha.

5.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-ħtieġa ta' manutenzjoni lil canopy tal-Għajnsielem Learning Garden. Is-Segretarju Eżekuttiv ukoll irreferiet għal fatt li l-Perit tal-proġett ukoll ġbdilna l-attenzjoni u s-Sindku wieġbu li għandu jiċċekja anke mal-mastrudaxxi jekk hux worthed jingħata sealer jew le.

5.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinżebah bank fi Triq l-Imgarr.

5.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab ukoll sabiex induru dawra l-frame il-kbir li jittieħdu r-ritratti miegħu. Is-Sindku wieġbu li l-problema principali hija li jinħtieg li jiġi *galvanised.*

5.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għat-toilets il-ġodda u dwar l-ilma tar-rampa u talab biex isir pipe biex jiġi diverted sideways għax ir-rampa qed tiġi slippery. Sar qbil li għandu jsir speċi ta' culvert żgħir li jiżbokka f'pipe.

5.5.6 Il-kunsillier Teddy Salib talab sabiex infakkru fuq is-servizz tat-tibdil tal-ID Cards minn Għajnsielem u tal-għoti tal-labra tal-influenza. Is-Sindku wieġbu li ż-żewg servizzi ġew aċċettati u ser jitħabbru l-avviżi fil-facebook u fuq il-bullettin.

5.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir stainless steel railing żghira fuq il-parti l-għolja tal-bankina ta' quddiem il-każin tal-banda. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

5.5.8 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar jekk il-widien hux qed jiġu devoluted lil kunsilli lokali. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit Godwin Sultana fuq din il-materja.

5.5.9 Il-kunsillier Larry Buttigieg ressaq il-prosposta li għal Karnival ta' din is-sena peress li ma ġietx aċċettata t-talba tagħna li nagħmluh is-Sibt bħas-soltu peress li ser ikun hemm attivita' r-Rabat Għawdex, għandna mmorru għall-attivita' differenti dik ta' Ballu tal-Karnival għal familja kollha li jkun jinkludi wkoll bosta kompetizzjonijiet tal-kostum .Ġie propost li dan il-ballu jsir ġos-sala ta' San Ġużepp. Sar qbil li għandna ninkarigaw xi

Għaqda/għaqdiet jieħdu ħsieb il-bar u kompetizjoni tal-kostum tat-tfal u adulti. Re skeda to ask again. Sar qbil li għandna niċċekjaw meta hemm data available biex issir serata filgħaxija f'waħda mill-granet tal-Karnival filgħaxija.

5.5.10 Il-Viċi Sindku Joe Debono staqsa dwar il- possibilita' li ssir xi BCRS f'xi post ieħor f'Għajnsielem Is-sindku Spjegalu li konna applikajna biex issir fil-parking area iżda tal-Lands ma tawniex permess. IsSindku spjega wkoll li ma' jsitax jsiru qrib residenzi għaliex jidher li qed joħolqu inkonvenjent kbir f'lokalitajiet oħra. Madanakollu jekk jinstab post addatat, din il-proposta tista tiġi kkunsidrata.

5.5.11 Il-Viċi Sindku Joe Debono propona sabiex issir *motor cycles bay* quddiem il-każin tal-Football. Sar qbil li għandna ngħadduha għad-diskussjoni quddiem il-Kumitat tal-Football u nerġgħu niddiskutuha fejn eżatt nistgħu nagħmluha.

**5.6 Korrispondenza**

5.6.1 Ġiet trattata l-email mingħand resident fi Triq Hamri dwar it-tħassib tar-residenti ta' fuq il-Belvedere ta' Triq Hamri fir-rigward ta' twieqi mhux imkaħħlin tal-ħitan tal-Grand Hotel. Sar qbil li f'dan l-istadju għandna niċċekjaw bl-avukat l-art ta' min hi.

5.6.2 Ġie trattat ukoll is-suggeriment ta' resident li fil-proġett tar-rinowar tal-pjazza ta' quddiem il- Knisja ta Lourdes għandna ninvestu fid-dwal ta' din l-istess knisja peress li din isservi tal-ewwel *landmark* x'ħin wieħed jasal bil-vapur fil-gżira għawdxija. Is-Sindku wieġeb li dan huwa suġġeriment tajjeb u ta' min jikkunsidrah u li wkoll għandna nkomplu niġru wara l-kuntrattur biex jixgħel it-taraġ li jwassal għal din il-kappella.

**5.7 Update dwar il-proġetti**

5.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar il-progetti kurrenti kif gej:-

5.7.2 **Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-Perit qed jistenna s-samples tal-materjal jiġu minn barra
- Il-proċess fuq 'light design' miexi

5.7.3 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff

5.7.4 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Il-fanali twaħħlu
- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda aktar tard din is-sena

5.7.5 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Tneħħew diversi cables u wires mill-faċċata tal-iskola

- Ix-xogħol huwa previst li jibda fl-1 ta' Novembru meta ma jkunx hemm skola mill-kuntrattur Mark Attard.
- Għadna qed nistennew l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-Finanzi qabel jiġi ffirmat il-ftehim.

**5.7.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Qed nistennew sabiex ix-xogħol jibda aktar tad din is-sena.

**5.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Il-proċess ta' l-evalwazzjoni tal-offerti huwa lest. Gatt – kuntratt qed jigi diskuss mal-beneficiaries
- Jrid jibda il-proċess ta' dovoluzzjoni tal-art inkluż dak tal-Playingfield tal-Gudja

**5.7.8 Bini Arkata**

- Wasal il-kuntratt tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jiġi ffirmat u ffinazjat il-proġett.
- Il-Perit se jkun qed jlesti l-speċifikazjonijiet tat-tender

**5.7.9 Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija**

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

**5.7.10 Tindif tal-Wied Simirat**

- Ix-xogħol ta' tindif u bini tal-ħitan tas-sejjieħ huwa lest.

**5.7.11 Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Hekk kif il-Kunsill ingħata fondi sabiex jibda jagħti dehra ġdida lil dan l-ispazju miftuħ, prijorita għanda tkun ir-restawr tal-monument tal-Vittmi tal-Gwerra li ilu mill-1994. Sar qbil li x-xogħol jingħata lir-restawratur espert f'dan il-qasam Rudolph Cauchi.

**5.7.12 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Qed nistennew il-proċess tal-permess li jidher li qed jieħu fit-tul
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

## 5.8 Halloween 2024

5.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif ix-xogħol fuq il-'Ġnien tal-waħx' miexi sew bil-kostruzzjoni għal darb'oħra f'idejn il-ħaddiema tal-Kunsill. Din is-sena l-attivita tal-Halloween se tkun mifruxa fuq jumejn – l-Erbgħa 30 u Hamis 31 ta' Ottubru.

5.8.2 Bħala attrazzjoni ġdida din is-sena se jkun hemm atturi li janimaw mill-'Beta Entertainment Theatre Academy ' għal prezz ta' €1,300. Se jkun hemm wkoll sezzjoni tal-crafts. Id-direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar se jagħti €2,500 għal din l-attivita.

**5.9 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem 2024**

5.9.1 Is-Sindku nnota b'sodisfazzjon il-fatt li d-direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex infurmana li ser ningħataw €17,000 għal Milied f'Għajnsielem filwaqt li l-Malta Tourism Authority ser tagħtina sponsor ta' €5,000.

5.9.2 Mill-iskema 'SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025' il-Kunsill se jingħata €20,000.

5.9.3 Is-Sindku spjega kif għal din is-sena l-unika ħaġa li ser inżidu hija siġra tal-Milied għal Pjazza Tolfa.

5.9.4 Għal darb'oħra l-għan hu li Għajnsielem ikun destinazzjoni unika tal-Milied.

5.9.5 Rigward Bethlehem f'Ghajnsielem s'issa diga saru żewġ laqgħat għal għaqdiet u voluntiera fl-1 u 15 t'Ottubru. Huwa qal li s-Sur Franco Ciangura ser jkompli jmexxi l-preparazzjonijiet tas-siġra tal-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem.

5.9.6 Minħabba il-ħsarat li hemm ta' Passi ser jitqabbdu żewġ mastrudaxxi privati bħas snin preċedenti.

5.9.7 Sar qbil li jsir tiżjin simili bħas snin l-imgħoddija fit-toroq prinċipali u x-xogħol jinqasam bejn kuntratturi ewlenin li huma disponibbli biz-zieda li din is-sena għanda tinxtgħel siġra kbira f'Pjazza Tolfa.

5.9.8 Se jinħareġ programm ta' attivitajiet tal-Milied u Għajnsielem se jibqa jiġi rreklamat bħala destinazzjoni tal-Milied.

5.9.9 Bħala ġranet tal-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem u bhala attrazzjoni specjali ser ingibu wkoll stima minghand BETa Theatre ghal xi animazzjoni specjali f'Bethlehem f'Għajnsielem.

5.9.10 Sar qbil li bħala ġranet tal-ftuh ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser ikun kif ġej:-

- Hadd 15 ta' Diċembru mis-2.30pm - 7.00pm
- Hamis, 19 ta' mid-9:00am sa nofsinhar (edizzjoni tfal tal-iskejjel)
- Sibt, 21 ta' Diċembru mill-4.00pm - 7.30pm
- Hadd, 22 ta' Diċembru mit-3:00pm sas-7:00pm
- Erbgħa 25 ta' Diċembru mill-4:00pm sas-7:00pm
- Hamis, 26 ta' Diċembru mis-2:30pm sas -7:00pm
- Ġimgħa, 27 ta' Diċembru mill-4:00pm sas-7:00pm
- Sibt 28 ta' Diċembru mill-4.00pm - 7.30pm
- Hadd 29 ta' Diċembru mit-3:00pm sas-7:00pm

- L-Erbgħa 1 ta' Jannar mis-2:00pm sas-7:00pm
- Il-Ħadd 5 ta' Jannar mit-3:00pm sas 7:00pm

5.9.11 Sar qbil li għandna nressqu t-talba mal-Ministeru għal Għawdex sabiex għal darb'oħra l-inawgurazzjoni tal-15 -il edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem tixxandar live fuq TVM

5.9.12 Ġie diskuss il-kalendarju proviżjorju tal-attivitajiet tal-Milied f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li dan il-kalendarju għandu jiġi printjat u jitqassam f'kull residenza.

**5.10 Attivita' Kommemorazzjoni Vittmi tal-Gwerra**

5.10.1 Is-Sindku qal li l-Arċipriet infurmana li c-ċerimonja tal-Vittmi tal-Gwerra din is-sena ser issir il-Ħadd, 10 ta' Novembru 10.00am u wara quddiem l-monument. Sar qbil li għandna għal darb'oħra nistiednu lill-Għaqda tal-Vetturi tal-Gwerra jkunu preżenti u tindaqq is-sirena. Sar qbil ukoll li bħas-soltu nistiednu xi bandisti u jdoqqu l-fanfarra.

**5.11 Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u Ippjanar**

5.11.1 Is-Sindku rrefera għall-appuntament li ngħatajna mill-Ministru għal Għawdex u Ippjanar biex niltaqgħu miegħu wara talba li għamilna. Il-laqgħa ser issir fl-1 ta' Novembru, 11.00am

5.11.2 Bħala punti ta' diskussjoni l-Kunsill qabel li għand jiddisuti miegħu huma:-

- Proġett tal-Pjazza u taraġ taz-zuntier
- Proġett ta' quddiem l-iskola Primarja
- Local Plans ta' Passi - Ringrazzjament
- Attivitajiet matul is-Sena
- Dewmien ta' Permessi ta' pavimentar Kappella ta' Lourdes
- Toroq ġodda

**5.12 Tibdil Pjan Lokali fl-area Ta' Passi Għajnsielem**

5.12.1 Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jilqa b'sodisfazzjon il-ftuħ tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika għar-reviżjoni parzjali tal-Pjanijiet Lokali tal-2006 sabiex l-art magħrufa bħala 'Ta' Passi' fejn isir il-villaġġ animat ta' Bethlehem f'Għajnsielem tinbidel f'żona rikreattiva. Dan jippermetti sabiex dan is-sit jinbidel f'park ta' rikrejazzjoni matul is-sena kollha. Grazzi tmur għal Minsiteru għal Għawdex u l-Ippjanar li wkoll appoġja bis-sħiħ din il-proposta.

**5.13 Ġieħ Għajnsielem 2024**

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' Ġieh Għajnsielem 2024. L-għażla li kienet waħda unanima waqgħet fuq is-Sur Raymond Grech tal-ħidma kbira li wettaq fil-qasam sportiv tar-raħal ta' Għajnsielem.

**5.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda numru 136 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**5.15 Materji oħra**

5.15.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**5.16 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

5.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024 fit-3:30pm.

***Kevin Cauchi***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Eżekuttiv***